MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 560/1986/1

**Agnese sive Ines Scicluna**

**Vs**

**Anthony Scicluna**

**Il-Qorti;**

**I PRELIMINARI**

1. B'att ta' citazzjoniipprezentata quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1986, l-attrici

wara li ippremettiet illi l-hajja konjugali bejnha u bejn il-konvenut m'ghadhiex aktar possibbli billi l-konvenut irrenda ruhu hati lejha ta' adulterju, ingurji gravi, sevizzi, xehha u theddid, u wkoll minhabba li z-zwieg tkisser irremidjabilment u billi hija giet awtorizzata mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali kontra zewgha skond digriet Numru 74/86, rikonfermat b'digriet iehor tas-27 ta' Gunju 1986; l-istess attrici talbet lil dik il-Qorti:

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija jew htijiet tal-konvenut u tawtorizza lill-istess attrici tghix separatament minn zewgha;

2. Tapplika favur l-attrici l-effetti kollha ta' l-Artikolu 55 (gia` Artikolu 64) tal-Kodici Civili;

3. Tillikwida l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi u tiddividi u tassenja f'porzjonijiet ugwali l-istess assi tal-kommunjoni hekk likwidati;

4. Tafda l-kura u l-kustodja ta' l-iben minuri Jason lill-attrici;

5. Tapplika interament jew in parti d-disposizzjoniet taht l-Artikolu 48 (gja` Artikolu 56 u 58) tal-Kodici Civili in kwantu applikabbli ghall-kaz;

6. Tikkundanna lill-konvenut jissoministra lill-attrici ghaliha u ghall-iben minuri komuni dik ir-retta alimentarja li tigi hekk stabbilita minn dina l-Qorti.

2. Permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet pprezentata fit-28 ta' Novembru, 1986, il-konvenut eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu illi l-eccipjent irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' adulterju, ingurji gravi, servizzi, xehha u theddid;

2. Jekk l-attrici qed tallega li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, dan mhux minnu;

3. Ghalhekk, per konsegwenza, l-eccipjent m’ghandu jbati l-ebda wahda mill-penalitajiet kontemplati mil-ligi;

3. L-ewwel Onorabbli Qorti, innominat Perit Legali (l-Avukat Dottor Albert Libreri; li gie eventwalment sostitwit bl-Avukat Dottor Mark Chetcuti), kif ukoll Periti Teknici, cioe` s-Sur Alfred P. Camenzuli, biex jirrelata dwar il-mobbli, u l-A.I.C. Rene Buttigieg biex jirrelata dwar l-immobbli. Dawn il-Periti ipprezentaw u halfu debitament ir-rispettivi relazzjonijiet taghhom, li dwarhom il-partijiet ipprezentaw noti ta’ osservazzjonijiet.

4. L-ewwel Onorabbli Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha mressqa quddiemha u wara li semghet lid-difensuri tal-partiijet iddecidiet din il-kawza testwalment hekk:-
“Tilqa’ l-Ewwel Domanda tac-citazzjoni b’dan pero` li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan peress li z-zwieg ta’ bejniethom tkisser irrimedjabbilment bi htijiet taz-zewg kontendenti;

Tiddeciedi t-Tieni u t-Tielet Domandi billi tiddikjara illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti tikkonsisti:-

1) Nofs il-kont bankarju mal-Midland Bank li jgib in-numru 71104128;

2) Zewg kontijiet man-National Savings Bank, wiehed bin-numru 132901650 f’isem il-konvenut u iehor li gie zbankat mill-attrici;

3) Il-mobbli u l-oggetti li jinsabu fid-dar matrimonjali stmati llum fl-ammont ta’ elfejn, mitejn u tletin lira Maltin (Lm2,230);

4) Ingenji u ghodda tar-raba uzati mill-konvenut, stmati wkoll fl-istess ammont ta’ elfejn, mitejn u tletin Lira Maltin (Lm2,230);

5) Diversi vetturi imsemmija fir-rapport stmati b’kollox tmint elef Lira Maltin (Lm8,000);

6) Dar 56A u garage fi Triq l-Ghasfura, Zebbug, stmat erbgha u tletin elf Lira Maltin (Lm34,000);

7) Dar 56B u garage fi Triq l-Ghasfura, Zebbug, stmata tnejn u tletin elf u hames mitt Lira Maltin (Lm32,500);

8) Hanut 190 Conception Street, Msida, stmat sebat elef u hames mitt ira Maltin (Lm7,500);

9) Dar 61/62 St Mary Street, Zebbug, stmata hdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000);

10) Ghalqa f'Wied is-Sewda, stmata sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500);

11) Kirja u avvjament ta' ghalqa u mahzen bi friza stmati erbatax-il elf u erba' mitt Lira Maltin (Lm14,400);

12) Ammont imhallas mill-kurja lill-konvenut – tlett elef disa' mija u tmienja u sittin Lira Maltin (Lm3,968).

Tordna li dawn il-beni tal-komunjoni jigu divizi bejn il-kontendenti billi tassenja lill-attrici:

a) il-mobbli u l-oggetti kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali;

b) Kwart tal-kont li hemm mal-Midland Bank u li jgib in-numru 71104128 kif ukoll l-imghaxijiet fuq dan is-sehem;

c) Izzomm il-flus li zbankat mill-kont fin-National Savings Bank imsemmi aktar 'l fuq;

d) il-fond 56A bil-garage fi Triq l-Ghasfura, Zebbug;

e) il-hanut 190, Conception Street, Msida;

f) id-dar 61/62, St Mary Street, Zebbug;

g) Ghandha tircievi minghand il-konvenut ghal darba wahda is-somma in ekwiparazzjoni ta' sitt elef, disa' mija u erbgha u tletin Lira Maltin (Lm6,934);

Waqt li lill-konvenut jigu assenjati:-

a) l-ingenji u ghodda tar-raba kollha li jinsabu fil-pussess tieghu;

b) kull dritt li jista' ikollha l-komunjoni fuq il-vetturi indikati fir-rapport;

c) il-fond 56B u garage fi Triq l-Ghasfura, Zebbug;

d) l-Ghalqa f'Wied is-Sewda, Zebbug;

e) il-qbila, kirja u avvjament tar-razzett, ghalqa u mahzen li prezentement jinsabu f'idejn il-konvenut;

f) Kwart ta' l-imsemmi kont mal-Midland Bank li jgib in-numru 71104128 flimkien ma' l-interessi dovuti fuq dan is-sehem li qed jigi lilu assenjat;

g) l-ammont li huwa rcieva minghand il-Kurja bhala kumpens tat-talba biex tinbidel l-art li kienet imqabbla lilu;

h) il-kont man-National Savings Bank li jinsab f'ismu u li jgib ismu u bin-numru 132901650;

Il-konvenut huwa kkundannat ihallas lill-attrici in ekwiparazzjoni ghas-sehem li qed jigi lilha assenjat, ghal darba wahda biss is-somma ta' sitt elef, disa mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm6,934);

Illi jigi dikjarat li l-Qorti qed tordna illi jsiru fil-fondi fi Triq l-Ghasfura, Zebbug, l-alterazzjonijiet u x-xoghlijiet indikati mill-Perit Rene` Buttigieg fir-rapport tieghu a fol 93 *et seq* tal-process u dawna x-xoghlijiet isiru a spejjez taz-zewg kontendenti f'sehemijiet indaqs taht is-supervizjoni ta' l-istess Perit. Dawn l-assenjazzjonijiet qed isiru *per saldu* ta' kull pretensjoni li l-partijiet jista' jkollhom reciprokament kontra xulxin;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-Raba' Domanda peress li t-tifel ilu li ghalaq l-eta` ta' maggorenni;

Tastjeni milli tiehu wkoll konjizzjoni tal-Hames Domanda peress li ma jissussistux l-elementi rikjesti ghall-applikazzjoni ta’ l-artikoli citati;

Tiddeciedi wkoll is-sitt Domanda billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha personali nofs dak kollu illi huwa taht kull forma jippercepixxi minghand il-Gvern bhala pensjoni jew ghajnuna ohra, u jigi dikjarat li dan in-nofs ghandu jithallas direttament lill-attrici mid-Dipartijiet jew awtorita` koncernata.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.”

5. L-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ikkunsidrat hekk:-
“Illi tul il-kwazi hmistax-il sena li ilha pendenti din il-kawza, il-partijiet ma tantx urew interess jew resqu provi dwar it-talba ghar-responsabilta` tat-tkissir taz-zwieg imma hlew dawn is-snin kollha jew jghidu li kienu ser jaslu ghal separazzjoni konsenswali bejniethom jew biex jinsistu dwar il-qasma tal-beni.

Illi dwar ir-responsabilta` ghat-tkissir taz-zwieg "*il-partijiet ftit li xejn xehdu dwar din il-kwistjoni nonostante li l-kawza ilha sejra ghal tlettax-il sena (allura). Fil-fatt f'din il-kawza xehdu biss il-kontendenti.*" U fid-dawl tal-ftit provi prodotti il-Qorti taqbel ma' l-espert legali (u dana anqas gie kkontestat) li "*iz-zwieg tkisser irremedjabbilment u dan bi htija tal-kontendenti indiskriminatament*";

Illi wiehed mill-punti importanti f'din il-kawza kien ir-razzett bil-*cold-room* kbir li l-konvenut kien bena fil-proprjeta` tal-Knisja li kienet ghandu bi qbila; f'xi zmien il-Kurja talbet lura din il-proprjeta` peress illi fuqha kienet ser tinbena parti minn skola, u minn flokha offriet lill-konvenut art ohra vicina bl-istess titolu u sahansitra bnewlu *cold-room* ohra u wasslulu l-elettriku specjali ghal din il-*cold room* u ghal dan ix-xoghol intefaq aktar minn Lm22,000; x'gara sew ma irrizultax mill-provi f'din il-kawza u l-Qorti ser izzomm u taghmel taghha l-istimi u d-deposizzjonijiet ta' l-espert Arkitett; li hu cert jidher li dan in-negozju kien

tassew reditizzju anki ghaliex ma saret ebda oggezzjoni meta il-perit legali kkonsidra l-beni kollha bhala li kienu saru tul iz-zwieg - u l-beni kienu pjuttost sostanzjali;

Illi fin-nota tieghu il-konvenut jirreferi ghal mahzen bil-friza, li fuqu intefqu tant eluf ta' liri biex jissodisfaw l-esigenzi ta' l-istess konvenut, u jghid li "*l-istess fond ma hu ta ebda utilita` ghall-esponenti billi huwa ghalaq il-wiehed u sittin sena, ghadda bord u qed jircievi pensjoni ta' l-invalidita` mis-Sigurta` Socjali ta' Lm88.87 kull erba' gimghat*"; il-Qorti tara li din l-istqarrija bhala ferm ’il boghod mill-verita` u dan anke wara li kellha diversi okkazzjonijiet tisma' liz-zewg kontendenti u ezaminat ir-rizultanzi kollha fil-kawza. Dan il-fond ghandu valur qawwi ghal bniedem li hu u uliedu ilhom f'dan il-mestier redditizju ghal tant snin, kif anke jidher mill-assi li l-kontendenti irnexxielhom jakkumulaw matul iz-zwieg taghhom. Il-Qorti anki fid-dawl tal-legislazzjoni vigenti tifhem li dan il-valur mhux ser jonqos ghal bosta snin li gejjin.

Illi dwar l-assenjazzjoni eventwali f'wahda minn noti tieghu l-konvenut jirrileva li dana a differenza mill-beni l-ohra li huma liberament trasferibbli, huwa detenut biss b'titolu ta' qbiela jew kiri; l-Qorti pero` tirrileva illi l-fondi l-ohra tal-kontendenti u li ser jiffurmaw parti mid-divizjoni eventwali tal-proprjeta`, huma prattikament kollha okkupati minn ulied il-kontendenti u mill-attrici flimkien ma' wiehed mill-ulied, u din it-trasferibilita`, li ghamel referenza ghaliha il-konvenut, ghandha tigi kkonsidrata f'dina l-ottika;

Illi dwar il-manteniment jidher li l-konvenut ilu snin shah ma jghaddi ebda forma ta' manteniment lill-attrici; il-konvenut jippercepixxi pensjoni minghand il-Gvern u hemm modi mhux wisq komplikati kif setghet tircievi il-manteniment degretat mill-Qorti, pero` kull ma sar kienu diversi rikorsi, waqt li l-energija tal-kontendenti iffokawha dejjem fuq il-qasma li ghandha ssir tal-beni tal-komunjoni;

Illi anki kif gie issuggerit f'wahda min-noti tal-konvenut, l-attrici ghandha tippercepixxi nofs dak kollu li l-konvenut idahhal mill-pensjoni u pagamenti ohra maghmula mill-Gvern jew minn xi awtorita` ohra;

Illi dwar id-divizjoni proposta mill-abbli relaturi, il-Qorti fliet bir-reqqa ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ma tarax li "*anke fid-dawl ta' dak li intqal dwar minn jokkupa diversi fondi*" li ghandha tbiddel is-suggerimenti minnhom maghmula;

Illi dwar il-kont mal-Midland Bank riportata a. fol 187 tal-process, il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet fir-rapport u anki peress li ma tressqux il-provi kollha li setghu jigu prodotti, tifhem illi n-nofs ta' dan il-kont flimkien ma' l-interessi relattivi ghandhom jigu konsiderati bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.”

**<u>II L-APPELL</u>**

6. L-atttrici interponiet appell minn din id-decizjoni fis-27 ta’ Lulju, 2000. Ghal ragunijiet moghtija fir-rikors ta’ l-appell taghha, hija talbet lil din il-Qorti joghgobha timmodifika u tirriforma s-sentenza appellata tat-12 ta’ Lulju, 2000, billi taffermaha in kwantu ghall-ewwel, ir-raba’ u l-hames domandi izda thassarha u tirrevokaha kwantu ghad-domandi koncernati l-likwidazzjoni u divizjoni ta’ l-assi tal-komunijoni ta’ l-akkwisti u l-manteniment.

7. Il-konvenut ipprezenta risposta ta’ l-appell fis-7 ta’ Frar, 2001. Biha huwa wiegeb ghall-aggravji kollha mressqa mill-appellanti u ta r-ragunijiet tieghu ghaliex is-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Il-konvenut aderixxa mas-sottomissjoni ta’ l-attrici appellanti biex din il-Qorti tiffissa jum, hin u lok biex jigi ippublikat il-kuntratt ta’ divizjoni opportun u jigi nominat Nutar ghal dan il-fini u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>**

8. L-ewwel aggravju ta’ l-appellanti jitratta dwar ir-regolamentazzjoni tal-manteniment. L-appellanti tillamenta li nonostante li l-Ewwel Qorti irrikonoxxiet il-fatt li
“il-konvenut ilu snin shah ma jghaddi ebda forma ta’ manteniment lill-attrici.”

Pero`, meta giet ghad-decide, dik il-Qorti ma ipprovdiet xejn ghall-hlas ta’ dawn l-arretrati ta’ manteniment, li ma thallsux *pendente lite*. L-appellanti ssottomettiet li l-Ewwel Qorti kienet tkun ferm aktar gusta maghha kieku ipprovdiet ghall-hlas ta’ dawn l-arretrati ta’ manteniment meta illikwidat l-assi tal-komunjoni, kif kellha s-setgha li taghmel. L-appellanti tippretendi hlas ta’ dawn l-arretrati ta’ alimenti almenu bir-rata ta’ Lm25 fil-gimgha minn Novembru 1994, kif irrelata l-Perit Legali Dottor Mark Chetcuti.

9. L-appellat sostna li dan l-aggravju ma kellux jintlaqa’, ghaliex meta l-Ewwel Qorti tat id-decizjoni taghha, hija hadet in konsiderazzjoni l-kompless tal-provi kollha rizultanti mill-process tal-kawza; fosthom dawk ic-cirkostanzi li kienu tbiddlu minn dakinhar li nghata d-digriet ta’ l-alimenti provizorji fis-sena, 1986.

Infatti, dak id-digriet kien jinkludi l-alimenti lill-minuri Jason, li, wara ftit li inbdiet il-kawza, sar maggjorenni. Inoltre, fil-kors tal-kawza, il-flus u d-depoziti bankarji gew divizi ugwalment bejn il-kontendenti, li skond l-appellat sehem martu kien lahhaq is-somma ta’ Lm48,000. L-appellat, fit-tielet paragrafu tar-risposta ta’ l-appell tieghu, indika tliet somom ta’ flus li gew zbankati mill-appellanti wara sekwestru mahrug kontra tieghu fuq il-pensjoni dovuta lilu, liema cirkostanza ma gietx kontestata mill-appellanti.

10. Illi din il-Qorti wara li hasbet hafna fuq din il-kwistjoni, jidhrilha li dan l-aggravju huwa, *in parte*, gustifikat. Fost ic-cirkostanzi l-aktar saljenti dwar dawn l-alimenti arretrati, din il-Qorti ikkunsidrat is-segwenti fatturi:-

a) Li b’digriet ta’ l-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili, moghti fit-30 ta’ Jannar 1986, l-appellat gie ikkundannat ihallas lill-appellanti, *pendente lite* s-somma ta’ Lm30 fil-gimgha bhala manteniment ghaliha kif ukoll ghal binha minuri Jason.

b) Dan id-digriet ma jidhirx li qatt gie rivedut jew revokat biex jirrifletti l-kambjamenti fir-cirkostanzi tal-partijiet,

lanqas meta l-imsemmi iben minuri sar magjorenni fis-sena 1992.

c) Fit-23 ta' Novembru, 1994, l-attrici, talbet lill-Ewwel Qorti biex tawmenta r-retta alimentarja, kif ukoll biex tordna lill-konvenut li jhallas l-arretrati ta' l-alimenti li allura kienu dovuti. L-attrici regghet ghamlet l-istess talba b'rikors iehor ipprezentat fit-13 ta' Ottubru, 1995. Dawn ir-rikorsi, ma jidhrux li qatt gew degretati mill-Ewwel Qorti.

d) L-attrici ipprezentat rikors iehor fl-1 ta' Novembru, 1999, fejn talbet li l-Ewwel Qorti joghgobha tordna li r-retta alimentarja lilha spettanti skond Digriet Nru. 74/86 moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili rikonfermat b'digriet iehor tas-27 ta' Gunju, 1986, moghti mill-istess Qorti, tigi mhallsa direttament lilha mid-Direttur tas-Sigurta` Socjali. Il-konvenut oppona din it-talba b'risposta prezentata fl-24 ta' Novembru, 1999. Huwa irrifera ghall-Artikolu 381(3) tal-Kap 12 u sostna li t-talba ta' l-attrici kienet inammissibbli. Fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 1999, id-difensur ta' l-attrici ghamel riferenza ghall-ahhar imsemmi rikors, u in vista ta' l-istat avvanzat tal-proceduri, talab lil dik il-Qorti li tiehu in konsiderazzjoni l-kontenut tar-rikors fid-decizjoni finali. Fil-fatt l-Ewwel Qorti, ghamlet hekk fid-decizjoni taghha tat-12 ta' Lulju, 2000.

e) Jidher li l-konvenut beda jhallas lill-attrici Lm20 fil-gimgha. Dawn ma gewx accettati minnha ghaliex ma kien hemm ebda ordni gudizzjarja f'dan is-sens. Jidher ukoll li minn Novembru, 1994, l-attrici ma sarrfet ebda *cheque* iehor ta' manteniment minhabba d-diskrepanza fl-ammont li hija ippretendiet li l-appellat kellu jhallasha.

f) Fir-relazzjoni tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Mark Chetcuti (ara fol 266 *et seq* tal-process), jissemmew diversi cirkostanzi fattwali ohra w aspetti legali varji li kienu jaffettwaw il-kwistjoni ta' l-alimenti. *Inter alia*, dan il-Perit Legali irrelata hekk:

"Madanakollu ma jistax ma jinghadx illi l-konvenut qabad u unilateralment naqqas il-manteniment li martu minghajr l-ordni tal-Qorti. Hu veru wkoll pero` illi l-minuri ghalaq 18

fil-1992 u ghalhekk il-manteniment ta’ Lm30 kellu jitnaqqas proporzjonalment, ghalkemm il-hajja fl-istess waqt gholiet.

Ghalhekk l-esponenti jissottometti illi fic-cirkostanzi l-konvenut ghandi jigi ikkundannat ihallas retta alimentari ta’ Lm25 fil-gimgha sa minn Novembru 1994 (cioe` l-ahhar darba li l-attrici hadet manteniment) liema ammont jieqaf biss meta l-komunjoni tigi likwidata u diviza finalment bejn il-partijiet.  Wara dik id-data il-konvenut ghandu jghin lil martu fl-ghixien taghha.

L-esponenti kostrett pero` jara l-introjtu tal-konvenut li mill-atti tal-kawza jirrizulta biss li jikkonsisti fil-pensjoni ta’ Lm88 fix-xahar.  Ghalhekk fic-cirkostanzi, wara x-xoljiment u qsim tal-komunjoni fil-kuntratt finali ta’ divizjoni, l-konvenut ikun obbligat ihallas Lm40 fix-xahar manteniment lil martu.”

g)  Il-provi dwar il-bzonnijiet ta’ l-appellanti u dwar l-introjtu tal-konvenut huma xotti hafna.  Fl-affidavit tieghu, il-konvenut stqarr hekk:-

“Jiena fit-30 ta’ April li gej naghlaq 61 sena, ghaddejt Bord u niehu pensjoni ta’ l-invalidita` mis-Sigurta` Socjali ta’ Lm88.87c0 kull erba’ gimghat.  Nircevi ukoll il-bonus.  Ili nircevi l-pensjoni ghal cirka erba’ snin.  Ili ma nahdem tul dan iz-zmien ghalkemm kull tant nghin lit-tfal fix-xoghol taghhom ta’ bejgh ta’ frott.  Anke l-permessi tax-xoghol nehhejthom.”

Ghalkemm l-attrici irriservat il-kontro-ezami tal-konvenut, dan il-kontro-ezami qatt ma sar.  Ta’ min isemmi hawn li fis-seduta quddiem din il-Qorti mizmuma fit-8 ta’ April, 2002, l-attrici appellanti ipprezentat dokumenti li juri li l-pensjoni kontributorja taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali li thallset lill-appellat matul is-sena 2001, kienet tammonta ghas-somma ta’ Lm3,747.  Dokument iehor ipprezentat fl-istess seduta juri li l-appellat ircieva is-somma ta’ Lm283.36 bhala pensjoni taz-zewg terzi matul ix-xahar ta’ Marzu, 2002, liema somma kienet tinkludi wkoll, bonus addizzjonali.  Hadd ma spjega ghaliex kien hemm

daqstant distakk bejn il-kontenut ta’ l-imsemmi affidavit ta’ l-appellat u l-konvenut ta’ l-imsemmija dokumenti, li wkoll ma gewx konstestati mill-appellat.

11. Din il-Qorti jidhrilha, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha rilevanti li ma tistax taddotta is-suggeriment kontenut fir-relazzjoni ta’ l-imsemmi Perit Legali dwar il-*quantum* ta’ l-arretrati ta’ l-alimenti dovuti lill-atturi. Pero`, hu gust u xieraq li l-attrici appellanti tkun, b’xi mod, ikkompensata ghal dawn l-alimenti li ma thallusx – la darba l-komunjoni ta’ l-akkwisti, li giet arrikkita bin-nuqqas tal-hlas ta’ dawn l-arretrati ta’ alimenti, issa sejra tigi likwidata u diviza.

12. Din il-Qorti tikkonfessa li hasbet hafna dwar kemm kellha tkun is-somma li gustament kellha tithallas bhala “*lump sum*” lill-appellanti. Wara li gew konsidrati l-aspetti kollha tal-kwisjtoni, din il-Qorti waslet ghas-somma likwidata *arbitrio boni viri*, fl-ammont ta’ Lm4,500 (erbat elef u hames mitt Lira Maltin), liema somma ghandha tithallas lill-appellanti *per saldu* tal-pretensjoni kollha taghha dwar dawn l-arretrati kollha ta’ alimenti li l-appellat naqas li jhallas *pendente lite*.

13. Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tinvestiga t-tieni aggravju mressaq mill-appellanti, li verament jikkoncerna tlett aspetti separati ta’ kritika dwar il-mod kif l-ewwel Onorabbli Qorti qasmet l-assi tal-komunjoni.

14. L-ewwel oggezzjoni ta’ l-appellanti ghal mod kif gew likwidati u maqsuma l-assi tal-komunjoni, tikkoncerna l-utilitajiet percepiti mill-konvenut mill-art u l-benefikati eretti fuqha – mahzen u *freezers* – mill-Kurja a beneficcju tal-konvenut. L-appellanti tispjega l-aggravju taghha hekk:
“Il-Perit Legali ghogbu jikkomputa ‘*arbitro boni viri*’ s-somma ta’ Lm14,400, hekk minnu kalkolat ghall-fini tal-komunjoni ta’ l-akkwisti fuq il-fakolta` lavorativa tal-konvenut. Evidentement, anke kieku kellu wiehed, ‘*gratia argomenti*’, isegwi din il-formula, jidher li gie injorat il-fatt illi l-istess art u benefikati kienu ilhom goduti mill-konvenut sa mill-1993 u cioe` gia` sitt snin qabel il-pubblikazzjoni tar-relazzjoni.

Il-konvenut donnu jaghti l-impressjoni li huwa ma kellux, u ma ghandux, il-godiment ta' dawn il-benefikati. Min-naha l-ohra bl-ebda mod ma kkumbatta d-deposizzjoni ta' l-attrici fejn sostniet fis-seduta tal-15 ta' April, 1999 quddiem il-Perit Legali illi "fil-mahzen il-gdid jinhazen il-frott bhal qabel. Zewgi jkun fil-mahzen u ghadu jqassam il-frott……"

Konsegwentement il-likwidazzjoni ta' dawn l-utilitajiet ghandha tkun ferm superjuri mill-figura raggunta mill-Perit Legali. Del resto, allavolja pensjonant, il-konvenut ghandu, kif evidenzjat mix-xhieda, *tutto'ora* jinnegozja u b'hekk l-introjtu tieghu huwa bil-bosta izjed mill-pensjoni mensili li jghid li jircievi."

15. Din il-Qorti ghandha tirrileva li l-kwistjoni tal-likwidazzjoni ta' l-imsemmija utilitajiet, li l-appellanti issa qeghdha tissolleva quddiem din il-Qorti, ma tiffigurax fin-nota ta' l-attrici pprezentata quddiem l-Ewwel Qorti bhala kritika ghar-rapport peritali (ara fol. 280 *et sequitur* tal-process). Naturalment, din il-Qorti ma ghandha l-ebda hjiel jekk din il-kwistjoni gietx sollevata quddiem l-Ewwel Qorti waqt xi trattazzjoni orali li saret mid-difensuri. Il-process ma jindika ebda verbal li dan fil-fatt sar. Li certament jirrizulta hu li fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2000, id-difensuri irrimettew ruhhom ghan-noti ta' sottomissjonijiet li kienu pprezentaw u ma trattawx oralment.

16. Hu x'inhu l-kaz, din il-kwistjoni li giet issa sollevata, mhijiex trattata fis-sentenza appellata. In vista tal-fatt li l-provi dwar l-itess utilitajiet huma verament skarni u opaki, din il-Qorti ma jidhrilihiex li tkun haga gusta li tiddisturba d-deskrizzjoni wzata mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-apprezzament ta' l-istess provi. Huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna li din il-Qorti qatt ma tiddisturba l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni da parti tal-Qorti ta' l-Ewwel Istanza, hlief ghal ragunijiet gravi u serjissimi - cirkostanzi dawn li ma jidhrux li jirrikorru fil-kaz odjern. Dana hu hekk, aktar w aktar, meta din il-Qorti ghandha certi riservi

dwar il-mod kif l-imsemmi Perit Legali wasal ghac-cifra msemmija ta' Lm14,400, riservi dawn li ma hemmx ghalfejn jigu elaborati hawnhekk, billi l-appellat ma ressaq ebda appell, lanqas wiehed incidentali, dwar l-istess somma. Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellanti ma jistax jintlaqa'.

17. It-tieni oggezzjoni ta' l-appellant ghal mod kif l-Ewwel Qorti qasmet l-assi tal-komunjoni tikkoncerna l-izmembramenti li l-Perit Arkitett Rene Buttigieg issugerixxa li ghandhom isiru fil-konfront tal-fond 56A, Triq l-Ghasfura, Haz Zebbug. Dan is-suggeriment gie accettat mill-Perit Legali Dottor Mark Chetcuti u addottat u implimentat mill-Ewwel Qorti, nonostante l-oppozizzjoni li l-attrici assidwament ghamlet fil-konfront ta' l-istess suggeriment.

18. Il-Perit Tekniku iddeskriva dawn l-izmembramenti li issugerixxa fir-rapport tieghu a fol 93 *et sequitur* tal-process. Il-Perit spjega r-ragunijiet li wassluh biex jaghmel dan is-suggeriment u wera kif effettivament issugerixxa li jigi implimentat permess ta' l-iskizzi esebiti a fol 111 sa 114 tal-process. Fil-qosor is-suggeriment kien li mill-mezzanin msemmi 56A assenjat lill-attrici jittiehdu bitha u zewgt ikmamar li kellhom jiziedu mal-*garage* sottostanti assenjat lill-konvenut, l-mezzanin numru 56B, u dan fil-pjan terran, waqt li fl-ewwel sular kellhom jittiehdu kamra u terrazzin biex dawn jibdew jifformaw parti mill-mezzanin numru 56B, ukoll assenjat lill-istess konvenut.

19. L-appellanti immotivat l-aggravji taghha hekk:-
(i) Il-bitha minn dejjem kienet inkorporata mal-fond 56A, kif hekk tikkonferma l-attrici fix-xhieda taghha ta' l-1 ta' Gunju, 1999, quddiem il-Perit Legali. Ergo, jekk tigi tolta din il-bitha dan igib konsegwenzi drastici ghall-fond li jispicca bla bitha u bla arja, u jkollhom jigu krejati servitujiet fejn qabel ma kienx hemm.

In materja l-gurisprudenza minn dejjem qaghdet attenta li tevita smembrament ta' fondi. Vol. XXXII p. 1 p. 368 u Art. 504 Kod. Civ. *Del resto* l-ismembrament propost lanqas isib gustifikazzjoni meta l-valuri, b'konsegwenza ta'

l-istess zmembrament u segregazzjoni, holqu disparita` apprezzevoli bejn dawn iz-zewg fondi.

20. Dina l-Qorti mhix sejra takkolji dan l-aggravju billi, mehuda in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha relevanti, is-suggeriment tal-Perit Tekniku addottat mill-Ewwel Qorti jidher wiehed xieraq u gust. Fost ir-ragunijiet li din il-Qorti ikkunsidrat meta waslet ghal din il-konkluzjoni, jistghu jissemmew is-segwenti:

a) Bit-tibdil propost, tkun qeghdha tigi ripristinata sitwazzjoni orginali ta' kif inbnew il-kumpless tal-fondi adjacenti in kwistjoni cjoe` z-zewg *garages* attigwi u l-mezzanini imsemmija;

b) L-izmembrament addottat mill-Ewwel Qorti jista' jsir komodament u facilment u bi spejjez mhux kbar. Inoltre, igib certu apprezzament ghall-fondi li sejrin jibbenifikaw mill-istess zmembrament;

c) L-izmembrament in kwistjoni ma jidhirx li sejjer jikkaguna xi diprezzament sproporzjonat fil-valur ekonomiku tal-fond 56A. Dan jidher li xorta wahda jista' jibqa' jintuza bhala residenza adegwata.

d) L-izmembrament addottat mill-Ewwel Qorti fil-fatt sejjer jelimina jew jirriduci diversi servitujiet li jezistu bhalissa. Dawn is-servitujiet x'aktarx kienu inholqu f'epoka meta kienet tirrenja certa serenita` bejn il-kontendenti. Ghalhekk, id-divjet kontenut fl-Artikolu 504 tal-Kodici Civili (fil-qasma, wiehed ghandu jevita li jifred il-fondi fi bcejjec jew li johloq servitujiet) ftit li xejn kien importanti ghall-kontendenti f'dak iz-zmien. Sfortunatament, illum, ic-cirkostanzi bejniethom tbiddlu. Din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-Perit Tekniku li r-riduzzjoni ta' dawn is-servitujiet tibbenifika lill-kontendenti u lil uliedhom. Dana ghaliex l-ezistenza ta' tant servitujiet, fiha insita z-zerriegha ta' possibbli dizgwid futuri bejn membri ta' l-istess familja, li diga` kellha tissubixxi trawma konsiderevoli derivanti mill-litigju odjern. Il-hsieb tal-Perit Tekniku, kondiviz minn din il-Qorti, gie mfisser minnu hekk a fol. 106:-

"L-esponent huwa ta' l-opinjoni li l-pjan minnu propost huwa fl-interess tal-kontendenti billi fil-pjan terran il-*garage* numru 56B jerga' jigi rrintentegrat fil-pussess tal-bitha biz-zewgt ikmamar maghha, waqt li fl-ewwel sular il-kamra u t-terrazzin li prezentament huma ta' siwi zghir lill-fond numru 56A, jinghaqdu mal-fond numru 56B biex tigi rimossa s-servitu` ta' sovraposizzjoni fuq il-*garage* sottostanti, waqt li jigi tterminat il-prospett tal-ftuh tat-twieqi tal-fond numru 56B fuq il-bitha li llum tifforma parti mill-*garage* sottostanti tal-fond numru 56A."

21. L-ahhar aggravju jew ahjar sottomissjoni ta' l-appellanti huwa mfisser minnha testwalment hekk:-
"Fl-ahharnett l-esponenti qeghdha tipproponi illi galadarba zewgha gia` ghandu disponibbli ghalih raba' iehor, ghalkemm b'kera, hi tigi assenjata l-ghalqa fil-kontrada ta' Wied Qirda u b'kontrakambju lill-kovenut jigi assenjat il-fond 61/62 St. Mary Street, Zebbug, naturalment tenut rigward tad-differenzi fil-valuri u tan-necessita` li ssir ekwiparazzjoni kif hekk jiddisponi l-Art. 505 Kod. Civ. Din ir-rikjesta qeghdha ssir bil-ghan illi l-esponenti jkollha hi wkoll bicca raba' fejn tehda u tikkoltiva ghall-htigijiet taghha."

22. L-appellant oppona dan is-suggeriment b'dawn il-kliem:
"L-appellanti fir-rikors taghha para. 9(d) issottomettiet illi l-esponenti ghandu disponibbli ghalih raba iehor u ghalhekk l-unika bicca raba maghrufa "Ta Wied Sewda" ghandha tigi assenjata lilha. F'dan ir-rigward l-attrici mhix korretta; ghaliex fil-fatt l-esponenti ma ghandu ebda raba a disposizzjoni tieghu. Il-fond li jidditjeni bi qbiela minghand il-Kurja jikkonsisti biss fi *store* ossia mahzen u ma ghandux raba mieghu."

23. Din il-Qorti tirrileva li l-kwisjtoni odjerna kienet diga` giet dibattuta bejn il-partijiet qabel ma nghatat is-sentenza appellata, kif jirrizulta minn ezami tan-noti tal-kontendenti rispettivament a fol. 281, 282 u a fol. 287 u 288 tal-

process. Din il-Qorti jidhrilha, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li l-Ewwel Qorti ma wettqet ebda ingustizzja meta ma akkoljietx is-suggeriment in kwistjoni ta’ l-attrici. Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni tajba biex tiddisturba il-pjan ta’ qasma addottat mill-Ewwel Qorti.

24. L-appellanti issenjalat li l-Ewwel Qorti kienet naqset li tinnomina Nutar ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att tal-qasma u issuggeriet li dan isir minn dina l-Qorti. L-appellat aderixxa mas-sottomissjoni ta’ l-appellanti u fil-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Jannar, 2003, id-difensuri qabblu li fis-sentenza ta’ din il-Qorti ghandu jigi nominat Nutar u ghandha tigi iffissata gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ divizjoni u jigi nominat kuratur fl-eventwalita` li jkun hemm xi kontumaci.

25. Ghal dawn il-motivi, tilqa’ l-appell, unikament fis-sens, li qeghda tiddikjara li fil-konfront tat-tielet domanda tac-citazzjoni, fil-komunjoni ta’ l-akkwisti kemm ukoll dejn tal-konvenut ghall-arretrati ta’ manteniment pendenti din il-kawza, dovuta lill-attrici fl-ammont ta’ Lm4,500, liema somma ta’ Lm4,500, il-konvenut qieghed jigi ikkundannat li jhallas lill-attrici, ghal darba wahda biss u *per saldu* ta’ l-istess arretrati ta’ manteniment. Ghal bqija, l-appell huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermata.

Fl-ahharnett, tordna li l-kuntratt tal-qasma jigi ppubblikat fl-edificju tal-Qorti, nhar l-Erbgha 30 ta’ Lulju, 2003, fid-9.30 a.m., bl-opra tan-Nutar Dottor Edward Flores li qieghed jigi nominat ghaldaqstant flimkien ma’ l-Avukat Dottor Edgar Depasquale li qieghed jigi nominat biex jidher ghall-pubblikazzjoni ta’ l-istess kuntratt u okkorrendo jirraprezenta l-eventwali kontumaci.

L-ispejjez kollha, anke ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------